**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 21 ta' Jannar 2016**

**Pulizija**

**Godwin Scerri**

**Vs**

**Mariu Vittorio Azzopardi**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Mariu Vittorio Azzopardi bin Paul u Rosina nee' Bonnici imwieled fid-29 ta' Dicembru 1940 joqghod Des Fleurs, Flat 3, Dawret San Pawl, SPB. U detentur tal-karta tal-identita' numru 67541(M);

Talli fil-5 ta' Dicembru 2013, ghall-habta tas-12:55hrs gewwa Dawret il-Gzejjer, S.P.B.:

1) Soqt vettura CBJ192 b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;

2) U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-

traffiku, nvolontarjament ikkagunajt offizi t' natura gravi fuq i-persuna ta' Adrian Cauchi skond kif iccertifika Dr. Daniel Varnai M.D. mill-M.D.H.;

3) Waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura, inqast li tezercitail-kura u l-attenzjoni xieraq u turi l-intenzjoni tieghek b'sinjal meta kont sejjer tbiddel id-direzzjoni tieghek jew taqbez vettura ohra.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu fil-karreggata ta' barra fi triq bl-isem Dawret San Pawl jew Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, fid-data u l-hin in kwistjoni, meta gie biex jidhol fuq in-naha tax-xellug tieghu, jaqsam karreggata ta' gewwa u jidhol bil-vettura tieghu fil-garaxx fl-istess triq. Hekk kif naqqas il-velocita' u gie biex jaqsam il-karreggata, il-parti leza f'din il-kawza, Adrian Cauchi, kien qed isuq il-mutur tieghu fl-istess karreggata ta' barra u ma lahaqx waqqaf, u ghalhekk sehhet kollizjoni billi Cauchi baqa' diehel fil-vettura tal-imputat, bil-konsegwenza li l-mutur inqaleb 'il quddiem u Cauchi spicca mormi mill-mutur aktar 'il quddiem. Bl-impatt Cauchi sofra griehi gravi, u l-Pulizija ressqet lil Azzopardi b' akkuzi ta' sewqan traskurat u perikoluz, u li kkaguna offizi gravi involontarji lil Cauchi.

Mill-provi prodotti ma jidherx li hemm kontestazzjoni dwar kif sehhew il-fatti. Mir-ritratti esebiti jidher car li Azzopardi kien qed isuq il-vettura tieghu fuq il-karreggata ta' barra, cioe' dik tal-lemin, qrib il-'barriers' mas-'central strip' fl-istess triq. Jidher li hu ried jaqsam ghan-naha ta' gewwa, ghax-xellug tieghu, u

ghalhekk naqqas il-velocita' u beda jdur fuq ix-xellug. Hekk kif ghamel din il-mauvra, Cauchi sab ruhu b'emergenza quddiemu u ma kellux bizzejjed distanza u hin biex jaghmel manuvra evaziva. Inoltre, jidher li ma kien hemm ebda manuvra li seta' jiehu ghajr li jwaqqaf il-mutur tieghu ghal kollox biex jevita l-impatt.

Huwa maghruf li kull sewwieq ghandu jzomm dak li jissejjah bhala "a proper lookout" fis-sewqan. Dan jghodd kemm ghall-imputat kif ukoll ghal Cauchi f'dan il-kaz. Huwa minnu li l-incident sehh minhabba fil-manuvra traskurata li ghamel Azzopardi billi naqqas il-velocita' fil-karreggata ta' barra u pprova jaqsam il-karreggati fi triq li hija wahda mill-"highways" ewlenin ta' Malta. Jidher, izda, li huwa minnu wkoll li Cauchi seta' zamm distanza aktar lura minn Azzopardi, sabiex jevita emergenzi istantaneji li jistghu minn zmien ghal zmien jinqalghu ghal arrieda. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, it-tnejn li huma ghandhom responsabbilta' ghal dan l-incident. Cauchi zgur ghandu negligenza kontributorja bin-nuqqas ta' distanza adegwata mill-vettura ta' quddiemu, izda t-tort principali huwa ta' Azzopardi bil-manuvra azzardata tieghu li mill-karreggata ta' barra jnaqqas il-velocita' u jipprova jaqsam karreggata u jidhol fuq ix-xellug tieghu. Azzopardi kellu mal-ewwel ikun fuq il-karreggata tax-xellug jekk ried jidhol fil-garaxx tieghu fuq l-istess naha tat-triq. Hekk kif sab ruhu fuq in-naha ta' barra tat-triq, kien qed jikkostitwixxi periklu ghalih u, b'mod specjali, ghall-ohrajn. Ghalhekk l-imputat ser jinstab hati ta' dan l-incident, izda n-negligenza kontributorja ta' Cauchi ser tigi riflessa fil-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 226 u 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghall-perijodu ta' xahar mil-lum.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**